

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-11 ta' Ġunju 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Vestre Landsret – id-Danimarka) – Skatteministeriet vs Baby Dan A/S**

(Kawża C-272/14)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Unjoni doganali u tariffa doganali komuni — Nomenklatura magħquda — Klassifikazzjoni tariffarja — Intestaturi 7318 u 8302 — Oġġett speċjalment maħsub għall-fissazzjoni ta' kanċelli ta' sigurtà intiżi għall-protezzjoni tat-tfal)

(2015/C 270/14)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

**Qorti tar-rinviju**

Vestre Landsret

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Skatteministeriet

Konvenuta: Baby Dan A/S

**Dispożittiv**

In-nomenklatura magħquda li tidher fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, fil-verżjonijiet tiegħu li jirriżultaw suċċessivament mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1214/2007, tal-20 ta' Settembru 2007, u mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1031/2008, tad-19 ta' Settembru 2008, għandha tiġi interpretata fis-sens li oġġett, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jippermetti l-iffissar ma' ħajt jew mal-qasas tal-bieb jew tat-tieqa ta' kanċelli ta' sigurtà għat-tfal li jistgħu jitneħħew, għandu jiġi kklassifikat fl-intestatura 7318 tan-nomenklatura magħquda.

<sup>(1)</sup> ĠU C 253, 4.08.2014.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja) fit-12 ta' Mejju 2015  
– Betriebsrat der Ruhrlandklinik gGmbH vs Ruhrlandklinik gGmbH**

(Kawża C-216/15)

(2015/C 270/15)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesarbeitsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Betriebsrat der Ruhrlandklinik gGmbH

Konvenuta: Ruhrlandklinik gGmbH

### **Domanda preliminari**

L-Artikolu 1(1) u (2) tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenċija<sup>(1)</sup>, japplika fil-każ fejn membru ta' assoċjazzjoni jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' impriża oħra sabiex jipprovd prestazzjonni ta' xogħol, filwaqt li jkun suġġett għall-istruzzjonijiet tekniċi u organizzattivi ta' din tal-aħħar, jekk dan il-membru jkun intrabat, meta ssieħeb mal-assoċjazzjoni, li jqiegħed il-kapaċità ta' xogħol kollha tiegħu għad-dispożizzjoni wkoll ta' terzi, li bħala korrispettiv għalih jirċievi mingħand l-assoċjazzjoni remunerazzjoni mensili kkalkolata skont il-kriterji abitwali għall-attivitā kkonċernata, u jekk l-assoċjazzjoni tirċievi, fir-rigward ta' dan it-tqiegħid għad-dispożizzjoni, kumpens għall-ispejjeż tal-personal tal-membru inkwistjoni kif ukoll ammont b'rata fissa għall-ispejjeż amministrattivi?

<sup>(1)</sup> ĠU L 327, p. 9.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Constanța (ir-Rumanija) fil-21 ta' Mejju 2015 – SC Doris Spedition SRL vs Directia Generală Regională a Finanțelor Publice Galați – Administrația Județeană a Finanțelor Publice Constanța – Serviciul fiscal orașenesc Hârșova**

**(Kawża C-234/15)**

**(2015/C 270/16)**

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

### **Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Constanța

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: SC Doris Spedition SRL

Konvenuta: Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Galați – Administrația Județeană a Finanțelor Publice Constanța – Serviciul fiscal orașenesc Hârșova

Parti terza li qed taġixxi ta' garanti: Administrația Fondului pentru Mediu București

### **Domanda preliminari**

L-Artikolu 110 TFUE jipprekludi l-istabbiliment, skont l-Artikolu 4(a) tal-Liġi Nru 9/2012, tal-obbligu li titħallas taxxa fuq l-emmissjonijiet li jniġġsu tal-karozzi użati li jorġinaw miż-żona tal-Komunità waqt ir-registrattori quddiem l-awtoritajiet kompetenti, skont il-liġi, tal-akkwist tad-dritt ta' proprjetà fuq karozza, mill-ewwel proprjetarju fir-Rumanija, u l-ħruġ ta' ċertifikat ta' registratori u l-għoti ta' numru ta' registratori, taxxa li tapplika wkoll fil-każ ta' trasferiment tad-dritt ta' proprjetà fuq il-karozzi nazzjonali, ħliet meta tali taxxa jew taxxa simili tkun digħi tħallset?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Constanța (ir-Rumanija) fil-21 ta' Mejju 2015 – Maria Bosneaga vs Instituția Prefectului – Județul Constanța – Serviciul Public Comunitar Reġim Permise de Conducere și Înmatriculare a Vehiculelor**

**(Kawża C-235/15)**

**(2015/C 270/17)**

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

### **Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Constanța